# 80. Il-Ħamiema t'Alla

F'ibħra u għadajjar il-Ħamiema t'Alla
tferrxet u ttajret, u bħax-xemx għodwija
leqqet fuq l-ilmijiet u raxxet gliegel
ta' dawl u ħajja.

U wara sitt ijiem xtaqet li jkollha
ftit serħ, u ġibdet lejn ix-xtajta u sabet
Maqdes sabiħ, mibni bir-rħam u mogħni
bid-deh'b u l-ġawhar.

Ftit bogħ'd mill-Maqdes kien hemm sajjied twajjeb
li kien iħobb lil għajru bħalu nnifsu,
niedma u mrażżna, qalbu kienet safja
daqs in-nixxiegħa.

It-Tajra tal-Mulej warrbet il-Maqdes
tad-deh'b u r-rħam, u marret tgħix u tgħammar
f'qalb is-sajjied, u sabet fih il-għaxqa,
u s-serħ u s-sliem.

Ħamiema tal-Mulej, għarfa u qaddisa,
nissel ġo qalbi sogħba u tieba kbira,
agħmilha b'maqdes tiegħek kull xħin terġa'
lura għall-bejta.